

32004D0628

L 284/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

3.9.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-2 ta' Settembru 2004****fuq il-lista ta' stabbilimenti fi New Ċaledonia li minnha l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità**

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3296)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2004/628/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi ta' spezzjonijiet ta' saħħa u veterinarji fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini, nagħaġ, mogħoż u majjali, ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi <sup>(1)</sup>, u l-aktar l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 18(1) (a) u (b) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 72/462/KEE tisħaq li stabbilimenti f'pajjiżi terzi jistgħu jkunu awtorizzati biex jesportaw laħam frisk lejn il-Komunità jekk dawn ikunu jilħqu l-kundizzjonijiet ġenerali u speċjali stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (2) Is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fi New Ċaledonia taqbel ma' dik li teżisti fl-Istati Membri, l-aktar fejn għandu x'jaqsam it-tixrid ta' mard minħabba l-laħam, waqt li l-operazzjoni ta' kontroll fuq il-produzzjoni ta' laħam frisk hija waħda tajba.
- (3) Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, in-New Ċaledonia għaddiet id-dettalji dwar l-istabbilimenti li għandhom jiġu awtorizzati biex jesportaw il-laħam frisk lejn il-Komunità.
- (4) L-istabbilimenti mgħoddija min-New Ċaledonia jilħqu l-kriterji kollha stabbiliti bid-Direttiva 72/462/KEE biex dawn ikunu jistgħu joperaw bħala biċċeriji, mħażen tal-ħażna fil-friża (*cold stores*), u impjanti tat-tqattigħ approvati u li minnhom tista' tkun awtorizzata l-importazzjoni lejn il-Komunità skond l-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva.

(5) Il-livelli ta' iġjene ta' dawk l-istabbilimenti huma tajbin, u għalhekk dawk l-istabbilimenti jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' stabbilimenti li għandha titfassal skond id-Direttiva 72/462/KEE, u li minnhom tista' tkun awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità.

(6) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti fi New Ċaledonia li huma mniżżla fl-Anness qed ikunu hawnhekk approvati bħala stabbilimenti li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 72/462/KEE, inklużi l-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 18 (1) miġjuba fiha.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd minn [niżżel 3 ijiem wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.]

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-2 ta' Settembru 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

## ANNEX

**Lista ta' l-istabbilimenti msemija fl-Artikolu 1**

Pajjiż: NEW CALEDONIA

Numru ta' l-Approvazzjoni	Stabbiliment	Belt/ Reġjun	Kategorija (*)						RS	
			B	PQ	MF	Ċ	N/M	M		SP
EA-3-1	OCEF - Baran-deu	Bourail Province Sud	x	x	x	x				
EA-18-1	OCEF	Nou-méa Province Sud			x	x				

(\*) B: Biċċerija

N/M: Laħam tan-nagħaġ/tal-mogħoż

PQ: Postijiet tat-tqattigħ

M: Laħam tal-majjal

MF: Maħżen tal-Ħażna fil-Friża

SP: Laħam minn annimali solipedi

Ċ: Laħam taċ-ċanga

RS: Rimarki speċjali